# "KOLLOX MILL-AQWA U MILL-AHJAR"

**minn WALLACE P. GULIA**

Is-Sinjura Martha kienet tinsab imħassba mhux ftit. Kellha t-tifla ż-żgħira tbati bit-tunsilli u dan l-aħħar il-Professur kien qatagħha li jridu jinqalgħu. L-operazzjonijiet ma jogħġbu lil ħadd u wisq inqas lis-sinjura Martha li dejjem rat kif għamlet biex l-operazzjonijiet twarrabhom, hekk li l-ftaħir tagħha kien li ġisimha kien għadu kollu sħiħ u li sħiħa kellha tidher bih quddiem il-Ħallieq fl-aħħar jum tad-dinja.

Imma issa ċ-ċkejkna Clothilde kienet reġgħet b'attakk ieħor fi griżmejha u l-Professur kien qatagħha li malli jgħaddilha sew, jaqlgħalha t-tunsilli 'l barra. Għall-magħmul m'hemmx kunsill, u la l-ħaġa trid issir, ikollok tbaxxi rasek għaliha. Hekk għamlet is-sinjura Martha; biss qatgħetha illi la t-tifla kellha tagħmel l-operazzjoni għandha tagħmel kollox mill-aqwa.

Għalhekk staqsiet fuq li staqsiet biex tara l-Professur li kienet kellmet kienx tabilħaqq l-aqwa tabib li għandna Malta li jaħdem f'dik il-linja. U meta sħabha, kemm dawk li jifhmu kemm dawk li ma jifhmux, fissru fehmthom li hu kien l-aqwa u l-aħjar, għamlitlu viżta biex tisħaqlu li kollox irid ikun mill-aqwa u mill-aħjar.

Il-Professur laqagħha b'idejh miftuħa, u wara li staqsieha kif kienet tħossha, is-sinjura Martha mill-ewwel marret f'ras il-għajn u qaltlu li marret 'tarah imħabba bintha, biex tingħażel id-data ta' meta ċ-ċkejkna Clothilde kellha titlef it-tunsilli tagħha.

Il-Professur kien jagħmel minn dawn l-operazzjonijiet bl-għexieren u għalhekk din l-operazzjoni għalih kienet ħaġa ta' xejn. Ta' bniedem ta' l-affari tiegħu li kien beda jistaqsi ħalli jieħu ħsieb kollox bl-inqas telf ta' żmien.

"Mela għall-operazzjoni jkollna bżonn l-ewwelnett l-anastetista, dak li jraqqad lill-pazjent. Lil min insejħu?"

Is-sinjura Martha ma kenitx taf min huma t-tobba li jaħdmu l-anestesija; għalhekk rat li l-aħjar tħalli f'idejn il-Professur li kien l-aqwa u l-aħjar.

"Jiena ma nafx lil min naqbdu nsejħu. L-aħjar ngħidu lil min jidhirlek int."

"Tajjeb, mela ngħidu lit-tabib X?"

"Tajjeb, basta l-aqwa u l-aħjar li għandna Malta," wieġbet.
"U għall-isptar? Fejn nagħmlu l-operazzjoni?"
"L-isptar, eh?"
"Agħżel int. Ngħidu aħna Saint Luke's, il-Blue Sisters, Santa Caterina..."
"Ara, Professur, agħżel int, basta l-aqwa u l-aħjar. Biss kamra privata, għax naħseb dak il-krib tal-morda jbeżżagħha liċ-ċkejkna Clothilde. Kamra waħidha u s'intendi kemm iddum l-isptar inkun irrid noqgħod magħha jien. Aħseb għal kamra b'żewġ sodod, waħda għal Clotilde u l-oħra għalija biex noqgħod magħha kemm iddum l-isptar; u, bilħaqq, kemm tkun teħtieġ tibqa' l-isptar? Ħalli nara ma' min ser inħalli ż-żewġt itfal il-kbar sakemm indum barra mid-dar."
"U kemm tista' ddum? Ġimgħa? Bl-eżatt eżatt ma nħobbx ngħid minn qabel, għax ix-xitan kelb u f'dawn l-affarijiet ġurnata 'l hawn u 'l hemm ma tistax tirtrabat biha minn qabel. Insomma, dak naraw... skond ma jinqala' nagħmlu..."
"Hekk hu, imma, Professur, m'hu se jinqala' xejn, hux?"
"U le, xi tridu jinqala'?"
"Mhux se tmutli, hux?"
"U le!"
"Imma żgur?"
"Isma', garanziji ma nistax nagħti. Fuq il-Bambin m'hemm ħadd."
"Insomma... Imma, Professur, qisu li ma ttuhiex oppju żejjed."
"U le, mel'aħna boloh?"
"Lanqas nieqes."
"Lanqas nieqes."
"Preċiż..."
"Eżatt; kemm ikun hemm bżonn. Tajjeb?"
"Tajjeb, u kollox mill-aqwa u mill-aħjar."
"Kollox mill-aqwa u mill-aħjar."
Intgħażlet il-ġurnata, inqala' t-tabib X, ittieħdet kamra fl-aqwa sptar b'żewġ sodod, waħda għaċ-ċkejkna Clothilde u l-oħra għas-sinjura Martha, it-tfal il-kbar tas-sinjura Martha marru għand in-nanna; Clothilde ngħatat l-oppju la nieqes u lanqas żejjed, kollox bil-preċiż; il-Professur qata' barra l-laħam li hu kien jifhem li kien żejjed; kollox mar tajjeb u, wara ġimgħa, is-sinjura Martha kienet

lura d-dar qisu qatt ma kien xejn. .

Lgħada għal xi l-għaxra ta' fil-għodu tal-posta ħabbat il-bieb. ...n hemm ittra għas-sinjura Martha.

Fetħitha. Sabet il-kont ta' l-isptar flimkien ma' dak tal-Professur tat-tabib X. Kien ilaħħaq mal-ħamsin lira.

Is-sinjura Martha lissnet minn taħt l-ilsien: "Dan serq." Tefgħet fuqha libsa malajr malajr u marret tfittex lill-Professur biex tara l-affari kif inhi sew.

Il-Professur, meta raha nifisha maqtugħ, qalilha:

"Ma ġara xejn, hux?"

"Wasalli dan il-kont; ma jidhirlekx li hawn xi żball, hux?"

Il-Professur ta lemħa lill-kont u, ta' ftit kliem li kien, qalilha:

"Ma jidhirx li hawn xi żball."

Is-sinjura Martha: "U ġieżu ġież, ħamsin lira ta' xiex?"

Il-Professur niżżel rasu u dawwar wiċċu 'l hemm u bejnu u bejn ruħu qal, "Basta kollox mill-aqwa u mill-aħjar."